



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2014/2221(INI)

29.1.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika:
Stharriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2015
(2014/2221(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giorgos Grammatikakis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq fuq il-fatt li l-mixxa lejn ekonomija verament sostenibbli tgħin biex tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri ambjentali tal-Unjoni, u lejn il-kompetittività u l-ħolqien tax-xogħol; jiddisjaċi li n-nuqqas ta' strateġija Ewropea għal żvilupp sostenibbli matul il-kriżi ekonomika jista' jirriżulta li jillimita aktar it-tkabbir;
2. Jenfasizza l-fatt li s-Semestru Ewropew, introdott fl-2010, qed jistabbilixxi ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika li tinvolvi analiżi dettaljata tal-pjanijiet tar-riformi baġitarji, makroekonomiċi u strutturali tal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, fost oħrajn, fil-qasam tat-tibdil fil-klima u l-enerġija, l-esklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tinkorpora strateġija Ewropea għal żvilupp sostenibbli, b'attenzjoni partikolari fuq l-effiċjenza fir-riżorsi u l-ekonomija ċirkulari, fil-proċedura tas-Semestru Ewropew;
4. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' ċarezza dwar kif il-Pjan propost ta' Investiment għall-Ewropa ser jipprioritizza l-oqsma li jrawmu l-iżvilupp sostenibbli, bħall-edukazzjoni u l-infrastruttura li tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni;
5. Jisħaq fuq il-fatt li mingħajr investiment iktar b'saħħtu, l-Unjoni ma tkunx tista' tikseb il-miri tagħha ta' Ewropa 2020 għal tkabbir sostenibbli u l-miri tagħha dwar il-klima u l-enerġija tal-2030; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni torjenta l-pakkett ta' investiment ġdid lejn investimenti li jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli u effiċjenza tar-riżorsi permezz tal-promozzjoni tal-aħħar teknoloġiji sabiex jiġi massimizzat l-impatt fil-qosor tiegħu fuq l-attività ekonomika u l-ħolqien tax-xogħol, kif ukoll l-impatt fit-tul tiegħu fuq is-sostenibbiltà tat-tkabbir fl-Ewropa;
6. Jinnota li, skont il-Pjan direzzjonali għall-enerġija 2050 tal-Kummissjoni, id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tagħna se tiswa EUR 260 biljun fis-sena filwaqt li tiġġenera ffrankar ta' aktar minn EUR 310 biljun;
7. Jagħraf li l-enerġija hija fattur importanti għall-kompetittività ekonomika; jenfasizza l-bżonn li jiġu eliminati l-ostakli għas-suq intern tal-enerġija, *inter alia*, bil-promozzjoni tal-indipendenza enerġetika; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-progress f'dan il-qasam fuq livell kemm tal-UE kif ukoll nazzjonali u tappoġġa l-miżuri li jiġġieldu kontra l-frammentazzjoni u d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni;
8. Jenfasizza li l-investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, id-distribuzzjoni tal-enerġija u r-rinnovazzjoni estensiva tal-bini jippreżentaw domanda kbira għal ħaddiema u għalhekk se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-indirizzar tal-qgħad, filwaqt li t-tkabbir Ewropew jiġi protett minn varjazzjonijiet futuri fl-importazzjonijiet tal-enerġija u l-prezzijiet;

9. Ifakkar il-miri tal-istrateġija UE 2020 għall-enerġija rinnovabbli u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra; jenfasizza l-bżonn li jiġu promossi infrastruttura interkonnessa u integrazzjoni iktar mill-qrib mas-settur tat-trasport bħala mezz kosteffiċjenti biex jintużaw teknoloġiji sostenibbli għall-ġenerazzjoni tal-elettriku;
10. Jenfasizza li t-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq is-sorsi tal-enerġija esterni għandu jiffirma parti mill-istrateġija tagħha għat-tkabbir; itenni għalhekk il-bżonn li jiġu diversifikati l-provvisti tal-enerġija esterni, li tiġi aġġornata l-infrastruttura tal-enerġija tal-UE u li jiġi komplut is-suq intern tal-enerġija tal-UE bħala prijoritajiet ewlenin tal-istrateġija tal-UE għas-sigurtà tal-enerġija;
11. Jisħaq fuq il-fatt li politiki nazzjonali li huma kkoordinati taħt il-proċedura tas-Semestru Ewropew iridu jkunu konsistenti mal-istrateġija Ewropea għal żvilupp sostenibbli; itenni, għalhekk, il-ħtieġa li jiġu eliminati gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili u li jiġu ntaxxati aktar l-attivitajiet li jniġġsu pjuttost milli x-xogħol;
12. Jenfasizza l-importanza li tinkiseb implimentazzjoni sħiħa għall-qafas attwali dwar l-iskart u l-bżonn li jintlaħaq qbil fil-livell tal-UE dwar politika ambizzjuża dwar l-iskart sabiex tingħata spinta lit-tkabbir ekoloġiku u jinħolqu postijiet tax-xogħol; jenfasizza l-importanza kruċjali u trażversali tal-pakkett għall-ekonomija ċirkolari li jkopri bosta oqsma tal-politika u li se jkunu forza importanti għat-tranżizzjoni lejn tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tirtira l-proposta għal rieżami tal-politika tal-UE dwar l-iskart;
13. Jenfasizza l-bżonn ta' riformi fis-sistemi edukattivi sabiex il-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jippreparaw għall-bżonnijiet tas-swieq tax-xogħol li qed jikbru, bħal teknoloġiji ekoloġiċi u l-kura tas-saħħa;
14. Jenfasizza li sabiex l-Istati Membri jagħtu spinta lill-impjiegi billi jisfruttaw il-potenzjal tal-impjiegi tal-ekonomija ekoloġika, jeħtieġ li tittieħed azzjoni fuq tliet aspetti, jiġifieri li tingħata spinta lid-domada għall-ħaddiema fl-industriji ekoloġiċi permezz ta' livelli adegwati ta' investment, li jiġu antiċipati u ġestiti l-ħtiġiet tal-ħiliet kemm daww fis-setturi ekoloġiċi kif ukoll f'daww ta' tranżizzjoni ekoloġika, u li tiġi żgurata l-kwalità tal-impjiegi għall-impjiegi b'ħiliet għolja, medji u baxxi; jenfasizza li mill-perspettiva tal-politika tas-suq tax-xogħol, aktar attenzjoni għandha tiġi ddedikata għat-tfassil ta' programmi ta' taħriġ adegwati sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet speċifiċi, u għall-kunsiderazzjoni tar-relazzjoni dinamika bejn id-disponibilità tal-ħiliet u l-kompożizzjoni tal-età tal-forza tax-xogħol fl-industriji ekoloġiċi u tradizzjonali;
15. Jissottolinja l-fatt li s-Semestru Ewropew għandu jkun għodda għal ħarsien tal-kwalità għolja u tal-effiċjenza għolja fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tinkorpora s-sostenibbiltà tal-protezzjoni soċjali u tas-sistemi tal-kura tas-saħħa fil-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, filwaqt li ttejjeb l-effikaċja, l-ekwitabbiltà, l-aċċessibilità u l-adegwatezza tagħhom biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti soċjali, u fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi u tal-faqar;
16. Jenfasizza l-importanza tas-sostenibilità tas-settur tal-kura tas-saħħa, li għandu rwol importanti fl-ekonomija iġenerali peress li dan jirrappreżenta 8 % tat-total tal-ħaddiema Ewropej u 10 % tal-prodott gross domestiku tal-UE; jirrikonoxxi li s-saħħa hija valur fiha

nnifisha u prerekwiżit għall-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku, u li l-investment kemm fis-saħħa kif ukoll fl-aċċess adegwat għas-servizzi tal-kura tas-saħħa jikkontribwixxi għal forza tax-xogħol b'saħħitha u opportunitajiet ta' xogħol fl-Istati Membri, prosperità ekonomika u koeżjoni soċjali aħjar, u jista' jikkoreġi l-esternalitajiet negattivi tas-saħħa tal-popolazzjonijiet;

17. Jissottolinja l-fatt li s-Semestru Ewropew għandu jkun għodda sabiex jinkisbu impenji mill-Istati Membri li jsaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom sabiex tiġi żgurata kura tas-saħħa ta' livell għoli, aċċessibbli u ekwa għaċ-ċittadini kollha;
18. Jistieden kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni, f'dan il-perjodu ta' kriżi ekonomika, sabiex jevitaw il-miżuri li jkollhom l-iktar impatt ta' dannu, bħall-iffrankar għal żmien qasir, li jwassal għal spejjeż għoljin fuq żmien medju u fit-tul, u minflok jikkonċentraw fuq aktar żvilupp ta' sistemi ta' kura tas-saħħa ta' kwalità għolja u b'effiċjenza għolja;
19. Jilqa' miżuri li jagħmlu l-proċess tas-Semestru Ewropew iktar effettiv u demokratiku; jirrikonoxxi li r-rekord ta' implimentazzjoni huwa aħjar fil-qasam tal-finanzi pubbliċi fejn l-għodod ta' sorveljanza huma iktar b'saħħithom; jitlob integrazzjoni bilanċjata mal-impjieg u l-indikaturi soċjoekonomiċi li jippermettu reazzjoni iktar effettiva għad-diverġenzi bejn ċerti Stati Membri rigward l-impjieg u s-sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi kif jidher fir-Rapport Konġunt dwar l-impjieg li jakkumpanja l-Istħarriġ dwar it-Tkabbir Annwali 2015;
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, tqis aħjar il-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 dwar l-impjieg, ir-R&Ż, it-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà tal-enerġija, l-edukazzjoni u l-faqar u l-esklużjoni soċjali, billi tivvaluta l-progress lejn soċjetà iktar sostenibbli u tipproponi miżuri li jilhqqu dawn il-miri b'mod iktar effettiv u mingħajr dewmien.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	29.1.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 -: 11 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Catherine Bearder, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Nessa Childers, Alberto Cirio, Birgit Collin-Langen, Mireille D'Ornano, Miriam Dalli, Seb Dance, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Stefan Eck, Bas Eickhout, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Enrico Gasbarra, Jens Gieseke, Julie Girling, Sylvie Goddyn, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jäätteenmäki, Benedek Jávor, Josu Juaristi Abaunz, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Valentinas Mazuronis, Susanne Melior, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, Pavel Poc, Marcus Pretzell, Frédérique Ries, Teresa Rodríguez-Rubio, Davor Škrlec, Renate Sommer, Tibor Szanyi, Nils Torvalds, Glenis Willmott, Jadwiga Wiśniewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Mark Demesmaeker, Herbert Dorfmann, Giorgos Grammatikakis, Jan Huitema, Peter Jahr, Merja Kyllönen, Nuno Melo, Marijana Petir, Julia Reid, Bart Staes, Kay Swinburne
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Eugenia Aguilera García, Damian Drăghici